Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2008 fit-3.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużati:** | Dr Frank Psaila<br>Is-Sinjura Lucia Massa |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Estimi Finanzjarji 2008/2009
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa LQA 03

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 11 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-18 ta' Marzu 2008, fosthom ;

a) e-mail tal-AKL li tħeġġeġ lis-Sindku joħorġu l-ittra ta' kuntratt indefinit lill-impjegati tal-Kunsill Lokali fid-dawl tal-ftehim li ntlaħaq mal-Gvern Ċentrali f'Diċembru 2007.

b) Memo 5/2008 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-kuntratti tal-Ġbir ta' l-Iskart mid-Djar.

c) e-mail mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-ġbir tal-*packaging material* biss (Karti-Plastic-Metal) mid-djar. Dan is-servizz se jibda minn nhar it-tlieta, 15 ta' April 2008

d) Cirkulari 1/2008 mill-Kumitat dwar is-Sistema ta' Infurzar Lokali (LESc) dwar il-ħtieġa li m'hemmx għalfejn tintbagħat it-taħrika biex wieħed jidher quddiem it-Tribunal Lokali meta jkollu petizzjoni pendenti.

- Ġiet wkoll innotata l-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din giet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana fl-assenza ta' Dr Psaila.

I. Fuq talba tal-Kunsillier Joe Piscopo il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-kumpanija GO wara li ma rrikonoxxiet in-numru tal-mobile tas-Sur Piscopo bħala li jappartjieni 'lilu'. Skond ma' qal is-Sur Piscopo 'il-Kumpanija' GO qegħda tikkontendi li dak in-numru huwa tal-Kunsill.

II. Min-naħa tiegħu s-Sindku aċċerta lis-Sur Piscopo li l-kuntratt kien twaqqaf fl-4 ta' April 2000 u kien dar fuq il-Viċi Sindku Joseph Scicluna b'numru ġdid. Is-Sindku aċċerta wkoll lis-Sur Piscopo li f'dawn l-aħħar għaxar xhur ma ġewx *itemised bills* il-Kunsill fuq in-numru tas-Sur Piscopo.

III. Wara intervent tas-Sur Victor Caruana fuq il-qagħda tal-*premises*, il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-Ministru ta' John Dalli li titlob għal laqgħa miegħu.

IV. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni dwar il-ħaxix li hemm fiċ-ċimiterju ta' Triq San Tumas.

LUQA

## 4. ESTIMI FINANZJARJI 2008/2009

4.1 Peress li kopja ta' dawn l-Estimi kienet intbagħtet minn qabel lill-Kunsillieri kollha, is-Sindku staqsa jekk kienx hemm domandi jew kummenti fuqhom.

4.1.i Wara li saru xi domandi u kummenti, is-Sindku, ssekondat mill-Viċi Sindku, ressaq l-Estimi Finanzjarji għall-approvazzjoni. Meta l-mozzjoni tressqet għall-voti, l-Estimi għas-sena 2008/2009 ġew unanimament approvati.

## 5. MOZZJONIJIET

5.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova l-għoti tal-Performance Bonus lill-impjegati tal-Kunsill.**

5.1.i Wara li tpoġġiet għad-diskussjoni, il-mozzjoni ġiet approvata bi tliet (3) voti favur u astensjoni waħda (is-Sur Victor Caruana).

- Qabel ma ġiet ipprezentata din il-mozzjoni, is-Sur Joe Piscopo ħalla l-kamru u reġa lura biex ħa postu wara l-votazzjoni.

## 6. ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-18 ta' Marzu 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-4.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

➢ Konfermati llum 23 ta' April 2008.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv